# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar, 2023.**

**Numru 20**

**Rikors numru 565/21/1 AF**

**Yorgen Fenech**

**v.**

**Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat**

1. Din id-deċiżjoni titratta t-talba magħmula mill-attur għar-rikuża tal-Prim Imħallef fl-appell li ppreżenta fis-16 ta' Diċembru, 2022. Il-kawża hi dwar il-ħatra tal-Imħallef Edwina Grima sabiex tieħu post l-Imħallef Aaron Bugeja fil-kawża r-Repubbliika v. Yorgen Fenech, li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti Kriminali. L-attur qiegħed isostni li l-Avukat Ġenerali kien involut f'dik in-nomina, u għalhekk ġie leż il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Fir-rikors ippreżentat fl-10 ta’ Jannar 2023 l-attur ippremetta li fid-19 ta’ Awwissu 2021 il-Prim Imħallef:

> *“...... irrakkomanda lill-imħallef Edwina Grima sabiex tippresjedi l-proċeduri kontra r-rikorrent. Dakinhar stess, permezz tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, ir-rakkomandazzjoni tal-S.T.O. Prim Imħallef ġiet trasmessa lill-Avukat Ġenerali. L-involviment tal-Avukat Ġenerali ntalab sabiex twettaq legal vetting tal-imsemmija rakkomandazzjoni.*
>
> *Dan l-inkarigu twettaq nhar il-20 ta’ Awissu 2021. Sussegwentement l-Avukat Ġenerali ittrasmeta r-rakkomandazzjoni lill-Ministru għall-Ġustizzja fejn eventwalment walset quddiem il-President ta’ Malta li, nhar it-23 ta’ Awissu 2021 approva r-rakkomandazzjoni kif tutelata minnu, fost oħrajn, l-Avukat Ġenerali.*
>
> *Illi huwa ċar li l-involviment tal-Avukat Ġenerali segwa u kien b’konsewenza ta’ it-trasmissjoni tar-rakkomandazzjoni tal-S.T.O. Prim Imħallef.*
>
> *Di piu’ dak li qed jigi impunjat permezz tal-lanjanza tar-rikorrent, hija l-proċedura, qua rakkomandazzjoni, addottata mill-S.T.O. Prim Imħallef u, senjatament, l-involviment segwenti tal-Avukat Ġenerali.*
>
> *Għaldaqstant, ir-rikorrent jemmen u jħoss li jeċistu l-estremi tal-Artikolu 734(1)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, ossia sabiex tintalab ir-rikuża jew l-astensjoni tal-S.T.O. Prim Imħallef mill-proċeduri odjerni.*
>
> *Għaldaqstant, bir-rispett ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa’ t-talba tiegħu u l-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti jirrikuża jew jastjeni minn li jieħu konjizzoni ulterjuri tal-kawża fl-ismijiet fuq premessi”.*

3. Fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2023 id-difensuri tal-konvenuti ddikjaraw li ser joqogħdu għad-deċiżjoni li tagħti din il-Qorti.

4. It-talba tal-attur hi bbażata fuq id-dokument ‘A’, minn fejn jirriżulta li:

i. Fid-19 ta' Awwissu 2021 il-Prim Imħallef iffirma dokument maħruġ mill-uffiċċju tiegħu li fih jingħad li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Art. 11 tal-Kap. 12 u l-Art. 447 u 520 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), il-President ta' Malta nnomina lill-Onor. Imħallef E. Grima biex *".... tieħu konjizzjoni tal-kawża kriminali fl-ismijiet 1. Att ta' akkuża 17/2021: Ir-Repubblika ta' Malta v. Yorgen Fenech"*.

ii. Fl-20 ta' Awwissu 2021 l-Avukat Ġenerali ffirma nota indirizzata lill-Ministru tal-Ġustizzja li taqra: *"Recommendation by the Chief Justice is hereby being referred. Subject to your approval, you may wish to advise H.E. the President accordingly"*.

iii. Fit-23 ta' Awwissu 2021 il-President ta' Malta ffirma nota li taqra: *"Approved and signed as advised by the Minister for Justice and Governance in minute above"*.

5. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-Art. 734(1)(e) tal-Kap. 12 li l-attur irrefera għalih fil-premessi tar-rikors, hu għal kollox irrilevanti għall-każ in eżami.

6. Waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2023 id-difensur tal-attur spjega li l-oġġezzjoni tiegħu titratta dwar l-aspett oġġettiv tal-indipendenza u imparzjalità tal-Prim Imħallef.

7. Hu evidenti li l-Prim Imħallef kien involut fl-għażla tal-Imħallef Grima sabiex tippresjedi l-Qorti Kriminali fil-kawża Repubblika ta' Malta v. Yorgen Fenech (att ta' akkuża numru: 17/2021). Proċess li kif rajna qiegħed jiġi impunjat fil-kawża kostituzzjonali li fetaħ l-attur, u li issa qiegħda quddiem din il-Qorti. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li jkun prudenti li l-Prim Imħallef ma jibqax jippresjedi fl-appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Novembru 2022. Ovvjament din id-deċiżjoni m'għandhiex b'xi mod tiftiehem li timpinġi fuq il-meritu tal-appell tal-attur.

Għaldaqstant, tilqa' t-talba tal-attur għar-rikuża tal-Prim Imħallef. Spejjeż ta' din id-deċiżjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr